31993R2131

L 191/76 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.7.1993

IR-REGOLAMENT TAL-KUMISSJONI (KEE) Nru 2131/93

tat-28 ta' Lulju 1993

li jistabbilixxi l-proċedura u l-kondizzjonijiet għall-bejgħ taċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji intermedjarji.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni taċ-ċereali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi ċ-ċerali jistgħu jinxtraw minn aġenziji intermedjarji kemm b'miżuri intermedjarji obbligatorji kif ipprovdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru1766/92 kif ukoll b'miżuri intermedjarji speċjali kif imsemmi fl-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament.;

Billi ċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji intermedjarji jeħtieġ li jinbiegħu mingħajr ebda diskriminazzjoni bejn ix-xerrejja Komunitarji; billi bħala prinċipju s-sejħiet għall-offerti jippermettu li dan l-għan jintlaħaq; billi, b'dankollu, f'ċerti każi għandu jkun possibbli li jintużaw metodi oħra ta' bejgħ;

Billi, biex jiġi assigurat li l-partijiet kollha interessati fil-Komunità jiġu ttrattati b'mod indaqs, l-avviżi għas-sejħiet għall-offerti għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u għandu jgħaddi żmien raġonevoli bejn id-data ta' din il-pubblikazzjoni u l-ewwel data ta' l-għeluq biex jitressqu l-offerti; billi, b'dankollu, din il-pubblikità hija meħtieġa għal kwantitajiet li jkunu anqas minn 2 000 tunellata metrika;

Billi l-bejgħ fis-suq intern għandu jsir bi prezzijiet li ma jiddisturbawx is-suq; billi dak l-għan jista' jintlaħaq jekk il-prezz tal-bejgħ ikun daqs il-prezz tas-suq lokali, waqt li titqies il-kwalità li tkun tinbiegħ bl-offerta, mingħajr din ma tkun taħt il-livell iffissat meta mqabbel mal-prezz intermedjarju; billi f'ċerti każi l-konformità ma' dan il-prezz iffissat jista' ma jkunx fl-interessi ta' l-immaniġġar serju tas-suq jew ta' l-arranġamenti intermedjarji u jista' jirriżulta f'taħwid fil-funzjoni ta' l-organizzazzjoni tas-suq; billi għalhekk għandhom isiru dispożizzjonijiet għall-possibbiltà ta' bejgħ ta' ħażniet intermedjarji bi prezzijiet speċjali għal każi bħal dawn;

Billi, b'żieda ma' dan, ix-xiri mis-suq ta' ċereali partikolarment adatti għal ċerti użi jista' jkun mill-aktar diffikultuż; billi għalhekk għandhom isiru dispożizzjonijiet rigward il-possibbiltà li tiġi ffaċilitata l-provvista ta' dak is-suq mill-ħażniet intermedjarji; billi, b'dankollu, dik il-possibbiltà għandha tkun ristretta għal każijiet eċċezzjonali;

Billi l-bejgħ taċ-ċereali għall-esportazzjoni għandu jsir bi prezzijiet li għandhom jiġu ffissati f'kull każ fid-dawl tat-tendenzi u l-ħtiġijiet tas-suq; billi dan il-bejgħ ma għandux, b'dankollu, iwassal għal tgħawwiġ għad-detriment ta' l-esportazzjoni fis-suq miftuħ; billi l-prezz tal-bejgħ minimu għandu għalhekk jiġi stabbilit mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' offerti mressqa;

Billi għandu jiġi stabbilit prezz tal-bejgħ minimu mill-Kummissjoni fid-dawl ta' l-informazzjoni relevanti li tkun disponibbli fil-jum li fih l-offerti jitressqu; billi, biex tiġi evitata l-ispekulazzjoni u biex jiġu assigurati kondizzjonijiet identiċi għal dawk kollha interessati fis-sejħa għall-offerti, l-offerti għandu jkollhom magħhom applikazzjoni għall-iffissar bil quddiem tar-rifondi għall-esportazzjoni;

Billi l-offerti għal-lottijiet diversi huma komparabbli wieħed ma' l-ieħor biss meta dawn jirrelataw ma' ċereali f'sitwazzjonijiet identiċi; billi ċ-ċereali li jinħarġu għall-offerti jkunu maħżuna f'diversi mkejjen; billi l-komparabbilità tista' tiġi aktar assigurata billi l-appaltatur li jkun rebaħ l-offerta jieħu rifondi ta' l-ispejjeż l-aktar baxxi tat-trasport mill-post fejn iċ-ċereali in kwestjoni jkunu maħżuna u l-post tal-ħruġ; billi, għal raġunijiet ta' estimi, dawn ir-rifondi jistgħu jsiru biss għar-rigward tal-post tal-ħruġ li jista' jintlaħaq bl-aktar prezz baxx; billi dak il-post għandu jiġi ffissat billi jitqiesu l-faċilitajiet li jkollu għall-esportazzjoni taċ-ċereali;

Billi s-sejħiet għall-offerti jkunu jistgħu jseħħu sewwa biss jekk dawk ikkonċernati jissottomettu offerti ġenwini; billi dak l-għan jista' jintlaħaq billi jintalab depożitu ta' garanzija, li tiġi rrilaxxjata hekk kif jitħallas il-prezz tal-bejgħ saż-żmien stipulat;

Billi, fil-każ ta' sejħiet għall-offerti għall-esportazzjoni, għandhom jittieħdu passi biex jiġi assiġurat li ċ-ċereali ma' jerġgħux jitqiegħdu fis-suq Komunitarju; billi dan il-periklu jeżisti jekk il-prezz tal-bejgħ ikun anqas mill-prezz minimu li għandu jkun osservat fil-każ li dawn jerġgħu jinbiegħu fis-suq intern; billi għaldaqshekk għandu jkun ipprovdut f'dawn il-każ li tiġi ddepożitata t-tieni garanzija, li għandha tkun daqs id-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ u dak il-prezz minimu; billi, bħala konsegwenza, dik il-garanzija tista' tiġi rrilaxxjata biss jekk l-appaltatur rebbieħ waqt li jkun fi ħsiebu li jesporta ċ-ċereali jagħti l-prova msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 tas-27 ta'Novembru 1987 waqt li jistabbilixxi r-regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tar-rifondi fuq prodotti agrikoli għall-esportazzjoni [2], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1708/93 [3];

[1] ĠU L 181, tal-1. 7. 1992, p. 21.

[2] ĠU L 351, ta' l-14. 12. 1987, p. 1.

[3] ĠU L 159, tal-1. 7. 1993, p. 77.

Billi, biex jiġi assigurat li l-ħażniet intermedjarji jinbiegħu bil-ħeffa u kemm jista' jkun skond il-prattiċi kummerċjali, għandu jiġi stabbilit ċertu żmien ta' l-għeluq għar-rigward tad-drittijiet u l-obbligi li jinkisbu mill-għotja ta' l-offerti;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1836/82 tas-7 ta' Lulju 1982 li jistabbilixxi l-proċedura u l-kondizzjonijiet tal-bejgħ taċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji intermedjarji [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 966/93 [2], kien ġie emendat bosta drabi; billi, minħabba l-kjarezza, dan għandu jiġi mibdul;

Billi huwa meħtieġ li l-bejgħ kollu li jkun sar fis-sena kummerċjali 1993/94 jiġi ttratat bl-istess mod;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Iċ-ċereali mixtrija mill-aġenziji intermedjarji bi qbil ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 għandhom jinħarġu għall-bejgħ b'sejħa għall-offerti jew, fil-każ ta' bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju, b'irkant pubbliku.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "sejħa għall-offerti" tfisser kompetizzjoni bejn il-partijiet interessati bi tweġiba għal sejħa għall-offerti, waqt li l-kuntratt jiġi mogħti lill-persuna li tissottometti l-aktar kwotazzjoni favorevoli b'konformità ma' dan ir-Regolament;

IT-TITOLU 1

Bejgħ fis-suq Komunitarju

L-Artikolu 2

1. Id-deċiżjonijiet biex joħorġu sejħiet għall-offerti għandhom jittieħdu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru1766/92. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jistabbilixxu b'moda partikolari.

(a) il-kwantitajiet li għandhom jinħarġu bl-offerti;

(b) id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti fil-każ ta' sejħiet speċifiċi għall-offerti u l-ewwel u l-aħħar data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti fil-każ ta' sejħiet permanenti għall-offerti.

Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jingħiebu għal konjizzjoni tal-partijiet kollha interessati billi dawn jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jgħaddi perjodu ta' mill-anqas tmint ijiem bejn id-data ta' din il-pubblikazzjoni u l-ewwel data ta' l-għeluq biex jitressqu l-offerti.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal sejħiet għal offerti li jkopru kwantitajiet li jkunu anqas minn 2 000 tunellata metrika.

L-Artikolu 3

1. L-aġenziji intermedjarji għandhom jagħmlu avviżi għal sejħiet għall-offerti bi qbil mal-Artikolu 12 u għandhom jippubblikawhom, b'mod partikolari billi jimmanifestawhom fl-uffiċċji prinċipali tagħhom. Fil-każ ta' sejħiet permanenti għal offerti, dawn għandhom jispeċifikaw fihom id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti għal kull sejħa parzjali għall-offerti.

2. L-avviżi għas-sejħiet għall-offerti għandhom jispeċifikaw il-kwantitajiet minimi li l-offerti għandhom ikopru.

L-Artikolu 4

Is-sejħiet għall-offerti kif ipprovdut fl-Artikolu 2 jistgħu jiġu ristretti għal użu u/jew destinazzjonijiet speċjali.

L-Artikolu 5

1. Jekk ikunu reġgħu tqiegħdu għall-bejgħ apparti milli kif imsemmi fil-paragrafu 3, l-offerti rebbieħa għandhom jikkwotaw prezz ta' mill-anqas daqs il-prezz li tkun ġabet kwantità ekwivalenti u għal kwantità rappreżentattiva fis-suq fil-post fejn dawn ikunu maħżuna, u jekk dan ma jkunx il-każ, fl-eqreb suq, waqt li jitqiesu l-ispejjeż tat-trasport. Taħt l-ebda ċirkustanza ma għandhom il-kwotazzjonijiet ikunu aktar baxxi mill-prezz intermedjarju fid-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-prezzijiet intermedjarji li għandhom jitqiesu matul it-tnax-il xahar tas-sena kummerċjali għandhom ikunu dawk applikabbli fil-ħdax-il xahar, flimkien maż-żieda ta' xahar wieħed.

[1] ĠU L 202, tad-9. 7. 1982, p. 23.
[2] ĠU L 98, ta' l-24. 4. 1993, p. 25.

3. Fil-każ ta' bejgħ mill-ġdid ta' qamħ-ir-rum u sorgu matul l-ewwel tliet xhur tas-sena kummerċjali u ta' qamħ komuni, qamħ durum, segala u xgħir matul l-ewwel xahrejn tas-sena kummerċjali, l-offerti rebbieħa għandhom jikkwotaw prezz ta' mill-anqas daqs il-prezz intermedjarju applikabbli għall-ħdax-il xahar tas-sena kummerċjali preċedenti, b'żieda ta' xahar wieħed iffissat għal dik is-sena.

4. Jekk, matul is-sena kummerċjali, l-operat ta' l-organizzazzjoni tas-suq jiġi ddisturbat minħabba b'mod partikolari diffikultà fil-bejgħ taċ-ċereali bi prezzijiet li jkunu konformi mal-paragrafu 1, għandhom jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet bi prezzijiet ġodda bi qbil mal-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92.

L-Artikolu 6

Fit-tieni xahar li jiġi wara l-għeluq ta' l-offerti, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultat tal-proċedura ta' l-offerti, billi jindikaw b'mod partikolari l-medja tal-prezzijiet tal-bejgħ tad-diversi lottijiet u l-kwantitajiet li nbiegħu.

IT-TITOLU II

Il-bejgħ għall-esportazzjoni

L-Artikolu 7

1. Id-deċiżjonijiet biex joħorġu s-sejħiet għall-offerti għandhom jittieħdu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru1766/92. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jistabbilixxu b'mod partikolari:

(a) il-kwantitajiet li jinħarġu għall-offerti;

(b) ir-reġjuni fejn il-kwantitajiet huma maħżuna;

(ċ) id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti fil-każ ta' sejħiet speċifiċi għall-offerti u l-ewwel u l-aħħar data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti fil-każ ta' sejħiet permanenti għall-offerti.

Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jingħiebu għal konjizzjoni tal-partijiet kollha interessati bil-pubblikazjoni tagħhom mill-ġdid fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Perjodu ta' mill-anqas tmint ijiem għandu jgħaddi bejn id-data ta' din il-pubblikazzjoni u l-ewwel data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti.

2. Fl-avviżi tas-sejħiet għall-offerti kif hemm ipprovdut dwar dan fl-Artikolu 12, l-aġenziji intermedjarji għandhom jispeċifikaw għal kull lott il-port jew il-post tal-ħruġ li jista' jintlaħaq bl-inqas spejjeż ta' trasport u li għandu l-faċilitajiet tekniċi għall-esportazzjoni taċ-ċereali maħruġa bl-offerta.

L-aktar spejjeż baxxi tat-trasport bejn il-post tal-ħażna u l-post tat-tagħbija fil-port jew fil-post tal-ħruġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun irreferut lejn l-appaltatur rebbieħ mill-aġenzija intermedjarja għar-rigward tal-kwantitajiet esportati. F'każi partikolari tista' tittieħed deċiżjoni bi qbil malproċedura msemmija fil-paragrafu 1 biex il-ġarr isir mill-aġenzija intermedjarja bl-istess kondizzjonijiet.

3. Fil-każ ta' sejħiet permanenti għall-offerti, l-aġenzija intermedjarja għandha tistabbilixxi d-dati ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti għal kull sejħa parzjali għall-offerti.

L-Artikolu 8

1. Offerti:

(a) jistgħu jiġu miċħuda jekk ikunu għal-lottijiet ta' anqas minn 500 tunellata metrika;

(b) jistgħu jistipulaw li dawn ikunu validi biss għal kwantitajiet speċifikati;

(ċ) għandhom ikunu kkunsidrati f'dak li jirrigwarda ċereali kkonsenjati lejn, imma mhux maħtuta, fil-portijiet jew fil-postijiet tal-ħruġ li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 7 (2).

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 (2), l-offerti jkunu validi biss jekk ikollhom magħhom applikazzjoni għal-liċenza ta' l-esportazzjoni flimkien ma' l-applikazzjoni għall-iffissar bilquddiem tar-rifondi ta' l-esportazzjoni jew ta' l-imposta għaddestinazzjoni relevanti. Il-pajjiżi kollha li għalihom tapplika l-istess rata ta' rifondi għall-esportazzjoni għandhom ikunu meqjusa bħala destinazzjoni waħda.

L-Artikolu 9

Minkejja l-Artikolu 21 (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 [1], il-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa bi qbil ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati, biex ikun iddeterminat it-terminu tal-validità tagħhom, bħala li jkunu nħarġu fid-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti.

L-Artikolu 10

Meta kull perjodu għas-sottomisjoni ta' l-offerti jkun għalaq, l-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni lista ta' l-offerti, bla isem, waqt li f'kull każ jindika b'mod partikolari l-kwantità, il-prezz u ż-żiediet u t-tnaqqis fil-prezz li japplikaw għalihom. B'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92, il-Kummissjoni għandha tiffissa l-prezz minimu u għandha tiddeċiedi li tieħu azzjoni għar-rigward ta' l-offerti li jkunu waslu..

Il-prezz minimu għandu jiġi ffissat fil-livell li fih ma jkunx ta' preġudizzju għall-operazzjonijiet l-oħra ta' l-esportazzjoni.

[1] ĠU L 331, tat-2. 12. 1988, p. 1.

L-Artikolu 11

Meta l-liċenzja għall-esportazzjoni ppreżentata mill-appaltatur rebbieħ bi qbil ma' l-Artikolu 8(2) tkun ibbażata fuq l-Artikolu 44 (KEE) Nru 3719/88, l-aġenzija intermedjarja għandha tikkanċella l-kuntratt fir-rigward tal-kwantitajiet li għalihom il-liċenzja ma tkunx inħarġet skond dak l-Artikolu.

TITOLU III

Disposizzjonijiet ġenerali u finali

L-Artikolu 12

Mill-inqas tmint ijiem qabel l-ewwel data ta' l-għeluq għas-sottomisjoni ta' l-offerti, l-aġenziji intermedjarji għandhom jippubblikaw avviż għas-sejħa ta' l-offerti li fiha jkun hemm:

— it-termini supplimentari u l-kondizzjonijiet tal-bejgħ kompatibbli ma' dan ir-Regolament,

— il-karatteristiċi prinċipali fiżiċi u tekniċi tad-diversi lottijiet li jkunu aċċertati waqt ix-xiri mill-aġenzija intermedjarja jew waqt l-iċċekkjar li jsir wara.

— il-postijiet tal-ħażna u l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-imħażen.

L-avviż u xi emendi għalih għandhom jintbagħtu lejn il-Kummissjoni qabel l-ewwel data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti.

L-Artikolu 13

1. Fil-każ ta' bejgħ fis-suq Komunitarju, l-offerti għandhom isiru b'referenza għan-normi tal-kwalità kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2731/75 [1].

Meta l-kwalità taċ-ċereal tkun differenti mill-kwalità tan-normi, il-prezz ta' l-offerta rebbieħa għandu jiġi aġġustat billi jiġu applikati ż-żidiet jew it-tnaqqis fil-prezz iddeterminati bi qbil ma' l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92.

2. Fil-każ li l-bejgħ ikun għall-esportazzjoni, l-offerti għandhom ikunu magħmula b'referenza għall-kwantità attwali tal-lott irrelatat ma' l-offerta.

3. Fil-każ li l-bejgħ ikun għall-esportazzjoni, jista' jsir provvediment biex l-offerti mressqa bi qbil ma' l-Artikolu 44 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 ma jkunux ammissibbli.

4. Ġaladarba jkunu mressqa, l-offerti ma jistgħux jiġu emendati jew irtirati.

L-offerti jkunu validi jekk magħhom ikun hemm prova li l-appaltatur ikun iddepożita garanzija ta':

— ECU 5 kull tunnellata fil-każ ta' bejgħ għall-esportazzjoni,

— minn 5 sa 10 ECU kull tunnellata metrika, li għandhom jiġu ffissati mill-Istat Membru kkonċernat fil-każ li l-bejgħ ikun fis-suq Komunitarju.

[1] ĠU L 281, tal-1. 11. 1975, p. 22.

L-Artikolu 14

L-aġenziji intermedjarji għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jagħmluha possibbli għall-partijiet interessati li jevalwaw il-kwalità taċ-ċereali li jkunu nħarġu għall-bejgħ qabel dawn iressqu l-offerti tagħhom.

L-Artikolu 15

L-aġenziji intermedjarji għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-applataturi kollha dwar ir-riżultat ta' l-offerta tagħhom. Dawn għandhom jibagħtu d-dikjarazzjoni ta' l-għoti tal-kuntratti lill-appaltaturi rebbieħa fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mill-imsemmija notifika, permezz ta' ittra rreġistrata jew telekomunikazzjoni bil-miktub.

L-Artikolu 16

L-appaltaturi rebbieħa għandhom iħallsu għaċ-ċereali qabel dawn jinġarru u ta' lanqas mhux aktar tard minn xahar mid-data minn meta d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikoli 15 tkun intbagħtet. Dawn għandhom jidħlu għar-riskji u l-ispejjeż kollha tal-magażżinaġġ taċ-ċereali li ma jkunux inġarru matul il-perjodu li jkun permissibbli għall-ħlas.

Iċ-ċereali koperti minn kuntratti mirbuħa li ma jkunux inġarru matul iż-żmien permissibbli għall-ħlas għandhom jitqiesu għal kull effett li jkunu nġarru malli jiskada dak il-perjodu. F'dak il-każ, fejn għandu x'jaqsam bejgħ fis-suq intern, il-prezz li bih tkun ittieħdet l-offerta għandu jiġi aġġustat b'referenza għall-karatterstiċi ta' kwalità li jkunu spjegati fl-avviż għas-sejħa għall-offerti.

Fil-każ li l-bejgħ ikun għall-esportazzjoni, il-prezz li għandu jitħallas għandu jkun dak ikkwotat fuq l-offerta, b'żieda ta' akkrexximent mensili meta jsir il-ġarr fix-xahar li jiġi wara dak li fih ikun ingħata l-kuntratt.

Meta l-appaltatur rebbieħ ma jkunx ħallas għaċ-ċereali fil-perjodu stipulat fl-ewwel paragrafu, il-kuntratt għandu jkun ikkanċellat mill-aġenzija intermedjarja għar-rigward tal-kwantitajiet li ma jkunux imħallsa.

L-Artikolu 17

1. Il-garanziji msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jiġu ddepożitati skond it-Titolu II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 [2].

2. Il-garanzija li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 13 (4) għandha tkun irrilaxxata meta din tkopri kwantitajiet li dwarhom:

— ma jkun ingħata l-ebda kuntratt,

— il-prezz tal-bejgħ ikun tħallas fil-perjodu stipulat, u fil-każ li l-bejgħ ikun għall-esportazzjoni u meta l-prezz imħallas ikun anqas mill-prezz minimu għar-rivendita fis-suq Komunitarju, b'konformità ma' l-Artikolu 5(1), (2) u (3), garanzija li tkopri d-differenza bejn dawk iż-żewġ prezzijiet tkun ġiet iddepożitata.

[2] ĠU L 205, tat-3. 8. 1985, p. 5.

3. Il-garanzija li hemm provvediment dwarha fit-tieni subinċiż tal-paragrafu 2 għandha tkun irrilaxxata meta din tkun tkopri kwantitajiet li dwarhom:

— tkun inġiebet prova li l-oġġetti ma jkunux baqgħu tajbin għall-konsum uman jew ta' l-annimali,

— il-prova li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 tkun ġiet ipprovduta. B'dana kollu, l-garanzija għandha tkun irrilaxxata meta l-operatur jagħti prova li ċ-ċereali jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità fuq vapur ta' tunnellaġġ minimu ta' 2 500 tunnellata metrika u li jkun addattat għall-ġarr bil-baħar. Prova bħal din għandha tingħata bl-indikazzjoni segwenti, iċċertifikata mill-awtoritajiet kompetenti, fuq il-kopja tal-kontroll li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 3665/87 u fuq id-dokument amministrattiv singolu jew fuq id-dokument nazzjonali li jkun jagħti prova li l-oġġetti jkunu telqu mit-territorju doganali tal-Komunità:

"Ċereali għall-esportazzjoni bil-baħar - Artikolu... tat-Regolament (KEE) Nru..../..";

— il-liċenzja ma tkunx ġiet maħruġa bi qbil mal-Artikolu 44 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88,

— il-kuntratt ikun ġie kkanċellat b'konformità mar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 16.

4. Il-garanzija li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 13 (4) għandha tkun mitlufha f'dak li jirrigwardja l-oġġetti li dwarhom:

— il-garanzija li hemm referenza dwarha fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 44 (6) tar-Regolament (JKEE) Nru 3719/88 tkun ġiet mitlufha,

— ħlief fil-każi ta' *force majeure*, ma jkunx sar il-ħlas fil-perjodu stipulat fl-Artikolu 16.

5. Ħlief fil-każi ta' *force majeure*,il-garanzija li hemm provvediment dwarha fit-tieni subinċiż tal-paragrafu 2 għandha tintilef fir-rigward tal-kwantitajiet li għalihom il-prova li hemm referenza dwarha fit-tieni subinċiż tal-paragrafu 3 tkun ġiet ipprovduta matul il-perjodu stipulat fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87.

L-Artikolu 18

Ir-Regolament (KEE) Nru 1836/82 huwa mħassar.

Ir-referenzi għal dak ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

L-Artikolu 19

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 28 ta' Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni